



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Awwissu 2020
(OR. en)

10160/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0179(COD)

CULT 40
AELE 29
EEE 24
CODEC 725

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Awwissu 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 384 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL- KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin mill-2020 sal-2033

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 384 final.

Mehmuż: COM(2020) 384 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.8.2020
COM(2020) 384 final

2020/0179 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali
Ewropej tal-Kultura għas-snin mill-2020 sal-2033**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-azzjoni "Kapitali Ewropej tal-Kultura" (ECOC) hija rregolata bid-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE¹ fil-każ tat-titli mill-2020 sal-2033. Fl-Anness tagħha, id-Deċiżjoni tinkludi lista kronoloġika li tindika meta kull Stat Membru (tnejn fis-sena) jew pajjiż kandidat/kandidat potenzjali li qed jipparteċipa fil-Programm Ewropa Kreattiva jew fil-programmi sussegwenti tal-Unjoni li jsostnu l-kultura, huwa intitolat li jospita l-azzjoni. Il-kompetizzjonijiet għall-għoti tat-titlu tal-ECOC jibdew sitt snin qabel is-sena tat-titlu bil-pubblikazzjoni tas-sejthiet għall-applikazzjonijiet mill-awtorità rilevanti.

Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1545² estendiet l-azzjoni għall-bliet minn pajjiżi membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li jiffurmaw parti mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u li jipparteċipaw fil-Programm Ewropa Kreattiva jew fil-programmi sussegwenti tal-Unjoni li jsostnu l-kultura. Il-kalendarju anness mad-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE kien għalhekk sostitwit bil-kalendarju anness mad-Deċiżjoni (UE) 2017/1545.

L-oġġettivi ġenerali u speċifiċi tal-azzjoni tal-ECOC huma deskritti fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE. Dawn huma: is-salvagwardja u l-promozzjoni tad-diversità tal-kulturi fl-Ewropa, it-trawwim tal-kontribut tal-kultura għall-iżvilupp fit-tul tal-ibliet, it-tisħiħ tal-medda, id-diversità u d-dimensjoni Ewropea tal-offerta kulturali fl-ibliet, inkluż permezz ta' kooperazzjoni transnazzjonali, it-twessigħ tal-aċċess għall-kultura u l-parteċipazzjoni fiha, it-tisħiħ tal-kapaċità tas-settur kulturali u r-rabtiet tiegħu ma' setturi oħra, it-ktabbir tal-profil internazzjonali tal-ibliet permezz tal-kultura.

Il-kisba ta' dawn l-oġġettivi, li hija marbuta mal-mobilità, l-ivvjaġġar, l-organizzazzjoni ta' avvenimenti u l-parteċipazzjoni pubblika hija compromessa serjament mill-pandemija tal-COVID-19, li kellha implikazzjonijiet serji fuq it-twassil u t-tnejn tal-ECOC attwali u li jmiss.

Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE ma tipprevedix il-flessibbiltà meħtieġa biex jitqiesu tali ċirkostanzi straordinarji.

Għalhekk, l-iżgurar li jintlaħqu l-oġġettivi tal-azzjoni tal-ECOC f'dawn iċ-ċirkostanzi jkun jeħtieġ li jsiru bidliet fid-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE. Dawn il-bidliet jenħtieġ li ma jiddevjawx mill-prinċipji, mir-regoli u mill-proċeduri oriġinali tad-Deċiżjoni iżda jkunu limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ biex tiġi trattata din is-sitwazzjoni bla preċedent.

L-aktar ECOC affettwati huma ovvjament dawk li issa jenħtieġ li jiċċelebraw is-sena tagħhom (iż-żewġ ECOC tal-2020) jew li jenħtieġ li jaċċelleraw il-ħidma ta' tħejjija tagħhom biex ikunu lesti fil-ħin is-sena d-dieħla (it-tliet ECOC tal-2021). Iż-żewġ ECOC tal-2022 u l-ECOC waħda tal-2023 huma ferm inqas affettwati peress li għad fadlilhom biżżejjed żmien biex jaħsbu bir-reqqa dwar kif jistgħu jaġġustaw il-programmi tagħhom biex iqisu x-xenarji ta' restrizzjoni differenti fil-futur.

¹ Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 1).

² Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1545 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 (ĠU L 237, 15.9.2017, p. 1).

Iż-żewġ ECOC tal-2020 kellhom jipposponu jew jikkanċellaw l-avvenimenti kollha minn Marzu 2020 mingħajr ebda ċarezza meta s-sitwazzjoni se terġa' lura għan-normalità. Fil-prattika, dawn mhux qed jitħallew jimplimentaw is-sena tal-ECOC tagħhom u jisfruttaw ix-xogħol tajjeb ta' tħejjija tagħhom. Prolongazzjoni possibbli tal-programmi kulturali tal-ECOC 2020 għall-2021 – għalkemm dan ma jikkompensax liż-żewġ bliet għat-telf enormi li qed iġarrbu – jixħet aktar dawl fuq il-marka mibdula tal-attivitajiet taż-żewġ ECOC tal-2020 fix-xhur bikrin tal-2021. Dan ikun ta' benefiċċju għalihom ukoll għax jibqgħu fiċ-ċentru tal-attenzjoni assoċjata mal-marka ECOC għal perjodu itwal.

Barra minn hekk, il-COVID-19 wasslet għal livell għoli ta' inċertezza fi kważi l-oqsma kollha assoċjati mal-ECOC tal-2021 f'termini ta' prospettivi ta' finanzjament insiguri minn sħab pubbliċi u privati, regolamenti mhux magħrufa tas-sikurezza li jaffettwaw kemm il-ħidma parteċipattiva maċ-ċittadini kif ukoll it-tipi ta' avvenimenti li jridu jiġu awtorizzati, kif ukoll restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar li jnaqqsu l-flussi tat-turiżmu u l-possibbiltajiet ta' sħubijiet Ewropej/internazzjonali. Il-miżuri preventivi battew ix-xogħol preparatorju tat-tliet ECOC tal-2021 għal punt kritiku, meta, f'ċirkostanzi normali, jenħtieġ li jsiru sforzi doppji. It-timijiet tat-twettiq tal-ECOC kienu soġġetti għal lockdown għal xi xhur u s-sopravivenza ekonomika ta' xi sħab kontraenti potenzjali mhijiex ċerta. Għalhekk huwa rrakkomandat li t-tliet ECOC tal-2021 jiġu posposti għall-2022 jew l-2023.

Wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, belt waħda biss hija skedata li jkollha t-titlu tal-ECOC fl-2023. Il-posponiment ta' tnejn mit-tliet ECOC mill-2021 għall-2023 ikun aktar ibbilanċjat: se jkun hemm tliet ECOC fl-2022 u tliet ECOC fl-2023. Tali approċċ ibbilanċjat jimmassimizza l-viżibbiltà tal-azzjoni tal-ECOC.

Biex jiġu akkomodati ċ-ċirkostanzi deskritti hawn fuq, jiġifieri tingħata l-possibbiltà li ż-żewġ ECOC tal-2020 jestendu l-programmi kulturali tagħhom fl-2021 u jipposponu s-snin li fihom il-pajjiżi tal-ECOC tal-2021 se jkunu jistgħu jiċċelebraw it-titlu, jeħtieġ li tiġi emendata d-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Din il-proposta temenda d-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 u li għaldaqstant għandha l-istess bażi legali, jiġifieri l-Artikolu 167(5) tat-TFUE.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Billi d-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE hija att legali tal-Unjoni, tista' tiġi emendata biss permezz ta' att legali ekwivalenti. L-Istati Membri ma jistgħux jaġixxu individwalment.

• Proporzjonalità

L-emendi proposti huma adattati biex jindirizzaw is-sitwazzjoni straordinarja li nħolqot fl-ECOC tal-2020 u tal-2021 billi jinħolqu kundizzjonijiet aktar favorevoli għalihom biex iwettqu l-programmi u l-attivitajiet kulturali tagħhom b'mod li jiżguraw il-kisba tal-oġettivi tal-azzjoni.

L-emendi proposti ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-għan imsemmi hawn fuq, peress li huma limitati għal bidliet li jikkonċernaw is-snin 2020 u 2021, meta l-impatt tal-pandemija huwa mistenni li jkun l-ogħla.

- **Għażla tal-istrument**

Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill hija att legali tal-Unjoni u tista' tiġi emendata biss minn att legali tal-istess tip.

3. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

Minn mindu faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni kienet f'kuntatt u djalogu mill-qrib mat-timijiet ta' konsenja tal-ECOC tal-2020 sal-2023 kollha f'diversi kuntesti individwali, bilaterali u kollettivi bil-għan li jinftehem aħjar l-impatt tal-pandemija fuq it-tweġġ u t-tnejja tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura attwali u li jmiss. It-timijiet ta' konsenja kkollaboraw ukoll mal-Bordijiet rispettivi tagħhom kif ukoll mal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali tagħhom sabiex jesploraw magħhom l-aħjar postijiet biex imexxu l-attivatajiet 'il quddiem. Il-Kummissjoni ġiet ikkuntattjata wkoll direttament minn xi awtoritajiet nazzjonali (l-Irlanda, ir-Rumanija, il-Greċja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija u s-Serbja).

B'mod aktar partikolari, ġew organizzati erba' laqgħat online konġunti matul il-perjodu: fit-2 ta' April, telekonferenza konġunta flimkien maż-żewġ ECOC tal-2020 u r-rappreżentanti mill-Ministeri tal-Kultura tal-Irlanda u tal-Kroazja; fid-29 ta' April, laqgħa konġunta online maż-żewġ ECOC tal-2022; fit-30 ta' April, laqgħa online konġunta mat-tliet ECOC tal-2021; u fil-5 ta' Mejju, laqgħa online konġunta mat-tmien ECOC 2020-2023.

Fuq stedina mill-Kummissjoni, kull ECOC tal-2020, tal-2021, tal-2022 u tal-2023 bagħtu ittra lill-Kummissjoni (il-parti l-kbira minnhom iffirmata b'mod konġunt mill-Ministeru/Ministru tal-Kultura rispettiv tagħhom) biex jesprimu jekk kinux lesti jgħawlu/jipposponu l-programm kulturali tas-sena titolari tagħhom u jagħtu ġustifikazzjoni soda għall-pożizzjoni tagħhom.

Il-paragrafi li ġejjin jagħtu ħarsa ġenerali lejn l-eżitu ta' dan il-proċess ta' konsultazzjoni.

Iż-żewġ ECOC tal-2020 huma l-aktar milquta serjament u direttament. It-tnejn li huma kellhom jipposponu jew jikkancelaw l-avvenimenti kollha minn Marzu 2020 mingħajr ebda ċarezza meta (u jekk) is-sitwazzjoni hux se terġa' lura għan-normalità. Fil-prattika, dawn mhux qed jitħallew jimplimentaw is-sena tal-ECOC tagħhom u jisfruttaw l-investiment enormi li sar. Iż-żewġ timijiet ta' konsenja tal-ECOC kellhom jagħtu s-sensja lill-persunal u huma f'modalità ta' semiibernazzjoni.

Fit-tliet ECOC tal-2021, il-pandemija tirriżulta f'livell għoli ħafna ta' inċertezza fi kważi l-oqsma kollha assoċjati mal-preparazzjoni tagħhom: perspettivi ta' finanzjament insiguri minn sħab pubbliċi u privati, regolamenti futuri mhux magħrufa dwar is-sikurezza li jaffettwaw kemm it-tipi ta' xogħol kif ukoll it-tipi ta' avvenimenti li se jiġu awtorizzati, kif ukoll restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar li jnaqqsu l-flussi tat-turiżmu u l-possibbiltajiet ta' sħubijiet Ewropej/internazzjonali. Il-miżuri ta' prevenzjoni battew ix-xogħol preparatorju tat-tliet ECOC tal-2021 għal punt kritiku, meta, f'ċirkostanzi normali, huma jenħtieġ li jirdoppjaw l-isforzi, minħabba l-fatt li t-timijiet ta' konsenja kienu soġġetti għal lockdown filwaqt li s-sopravivenza tas-sħab kontraenti potenzjali mhijiex ċerta.

Iż-żewġ ECOC tal-2022 u l-ECOC waħda tal-2023 huma ferm inqas affettwati peress li għad fadlilhom biżżejjed żmien biex jaħsbu bir-reqqa dwar kif jistgħu jaġġustaw il-programmi tagħhom biex iqisu x-xenarji ta' restrizzjoni differenti fil-futur.

Bħala konklużjoni, jidher li l-ECOC tal-2020 sal-2023 mhumex affettwati bl-istess mod mill-pandemija.

L-aktar milquta huma ovvjament dawk l-ECOC li kellhom jiċċelebraw din is-sena (iż-żewġ ECOC tal-2020) jew li jenħtieġ li jaċċelleraw il-ħidma preparatorja tagħhom biex ilestu fil-ħin sas-sena d-dieħla (it-tliet ECOC tal-2021).

Ta' min jinnota wkoll li l-ECOC tal-istess sena jistgħu jiġu affettwati f'diversi gradi minħabba li l-miżuri ta' konfinament ma kinux l-istess madwar l-Ewropa, minħabba li r-reżiljenza tas-settur kulturali u l-kapaċità finanzjarja tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali tagħhom mhumex l-istess u/jew għaliex ma laħqux l-istess livell ta' żvilupp fit-tnejn tagħhom meta ntlaw mill-pandemija, u dan wassal biex xi wħud inqabdu f'mument meta kellhom jimxu b'pass mgħaġġel ħafna.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta tal-Kummissjoni ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja diretta. Il-Premju Melina Mercouri mogħti lil kull belt nominata sal-aħħar ta' Marzu tas-sena titolari skont il-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni u l-ispejjeż assoċjati mal-ħidma ta' dawk il-membri tal-bord ta' esperti nnominati mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-Unjoni huma koperti mir-riżorsi eżistenti tal-programm Ewropa Kreattiva għall-qafas finanzjarju 2014-2020, jew se jkunu koperti mill-programmi sussegwenti tal-Unjoni li jappoġġaw il-kultura għas-snin ta' wara l-2020. Barra minn hekk, il-proposta mhux se twassal għal għadd akbar ta' Kapitali Ewropej tal-Kultura matul il-perjodu mill-2020 sal-2033.

5. ELEMENTI OĦRA

Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni tipproponi li:

- tippermetti li l-Istati Membri fil-kalendarju li jinsab fl-Anness ikunu aktar minn tnejn għas-sena 2023;
- tagħti lill-ECOC nominati mill-Kroazja u mill-Irlanda għall-2020 il-possibbiltà li jimplementaw il-programmi tagħhom sat-30 ta' April 2021 mingħajr ma tinbidel is-sena tan-nomina;
- tiġi posposta s-sena li fiha r-Rumanija u l-Greċja huma intitolati jospitaw it-titlu tal-ECOC mill-2021 għall-2023;
- tiġi posposta s-sena li fiha pajjiż kandidat jew kandidat potenzjali jkun intitolat jospita t-titlu tal-ECOC mill-2021 għall-2022;
- tikkonferma l-validità tal-proċessi msemmija fl-Artikoli 7 sa 11 u fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE diġà konklużi għas-sena titolari 2021 (is-sena titolari biss tinbidel kif indikat hawn fuq);
- taggħanna kif xieraq id-dati tal-preżentazzjoni tal-evalwazzjonijiet finali għaż-żewġ ECOC tal-2020.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin mill-2020 sal-2033

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 167(5) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni³,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-oġġettivi tal-azzjoni tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura huma, skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE, li tiġi ssalvagwardjata u promossa d-diversità tal-kulturi fl-Ewropa, li jitrawwem il-kontribut tal-kultura għall-iżvilupp fit-tul tal-ibliet, li tissaħħaħ il-medda, id-diversità u d-dimensjoni Ewropea tal-offerta kulturali fl-ibliet, inkluż permezz ta' kooperazzjoni transnazzjonali, li jitwessa' l-aċċess għall-kultura u l-parteciġazzjoni fiha, li tissaħħaħ il-kapaċità tas-settur kulturali u r-rabtiet tiegħu ma' setturi oħra u li jiżdied il-profil internazzjonali tal-bliet permezz tal-kultura.
- (2) Il-kisba ta' dawn l-oġġettivi tippresupponi l-mobbiltà, l-ivvjaġġar, l-organizzazzjoni ta' avvenimenti u l-parteciġazzjoni pubblika, li huma estremament diffiċli jekk mhux prattikament impossibbli fl-era tal-pandemija tal-COVID-19.
- (3) Bħala konsegwenza diretta tal-miżuri tal-lockdown meħuda madwar l-Ewropa, il-postijiet kulturali nqas u l-avvenimenti kulturali ġew ikkanċellati jew posposti għal perjodu ta' żmien mhux determinat. Il-proġetti ta' kooperazzjoni kulturali Ewropej u internazzjonali naqqsu r-ritmu b'mod radikali, peress li l-qsim fiżiku tal-fruntieri kien limitat. Fl-aħħar nett, minħabba d-dħul li qed jonqos b'rata mgħaġġla u l-ħtiġijiet emerġenti għas-saħħa pubblika, il-gvernijiet lokali, reġjonali u nazzjonali huma taħt iktar pressjonijiet baġitarji. L-isponsorjar privat għall-kultura wkoll qed isir aktar diffiċli għalissa minħabba li ma hemm l-ebda avveniment pubbliku x'jiġi sponsorjat jew għaliex il-kumpaniji jaġhtu prijorità lil attivitajiet ta' sponsorjar relatati mas-saħħa pubblika.
- (4) Il-Kapitali Ewropej attwali u futuri tal-Kultura huma affettwati fi gradi varji primarjament skont is-sena li għaliha jkollhom it-titlu. Jidher li l-impatt huwa l-aktar

³ ĠU C , , p. .

b'saħħtu fuq l-implimentazzjoni taż-żewġ Bliet Kapitali Ewropej tal-Kultura tal-2020 u t-tħejjija tat-tliet Kapitali Ewropej tal-Kultura tal-2021.

- (5) Iż-żewġ Kapitali Ewropej tal-Kultura tal-2020 kellhom jipposponu jew jikkancelaw l-avvenimenti kollha minn Marzu 2020 mingħajr ebda ċarezza meta (u jekk) is-sitwazzjoni hix se terġa' lura għan-normalità. Fil-prattika, dawn mhux qed jitħallew jimplimentaw is-sena tagħhom bħala Kapitali Ewropej tal-Kultura u jisfruttaw l-investment enormi li sar.
- (6) Fit-tliet Kapitali Ewropej tal-Kultura tal-2021, il-pandemija tirriżulta f'livell għoli ħafna ta' inċertezza fi kważi l-oqsma kollha assoċjati mal-preparazzjoni tagħhom: prospettivi ta' finanzjament insiguri minn sħab pubbliċi u privati, regolamenti futuri mhux magħrufa dwar is-sikurezza li jaffettwaw kemm it-tipi ta' xogħol kif ukoll it-tipi ta' avvenimenti li se jiġu awtorizzati, kif ukoll restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar li jnaqqsu l-flussi tat-turiżmu u l-possibiltajiet ta' sħubijiet Ewropej. Il-miżuri preventivi naqqsu x-xogħol ta' tħejjija tat-tliet Kapitali Ewropej tal-Kultura tal-2021 għal punt kritiku, meta, taħt ċirkostanzi normali, jenħtieġ li jsiru sforzi doppji, minħabba l-fatt li t-timijiet ta' konsenja kienu soġġetti għal lockdown filwaqt li s-sopravivenza tas-sħab kontraenti potenzjali mhijiex ċerta.
- (7) Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE ma tippredix il-flessibbiltà meħtieġa biex jitqiesu dawn iċ-ċirkostanzi straordinarji, u b'mod aktar speċifiku ma tinkludi l-ebda dispożizzjoni dwar il-prolongazzjoni jew il-posponiment tas-sena meta belt partikolari jkollha t-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura.
- (8) Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE jenħtieġ li għalhekk tiġi emendata b'mod li jkun strettament imfassal għall-ħtieġa li tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni eċċezzjonali sabiex l-ibliet li jkollhom it-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura li jintlaqtu l-aġar mill-pandemija jitħallew jimplimentaw il-programmi tagħhom b'mod li jippermetti t-twettiq tal-oġġettivi tal-azzjoni.
- (9) Wara proċess ta' konsultazzjoni li involva l-ibliet u l-Istati Membri kkonċernati, ġie konkluż li huwa xieraq li tingħata l-possibbiltà lill-ibliet ECOC nominati mill-Kroazja u mill-Irlanda għall-2020 biex ikomplu jimplimentaw il-programmi tagħhom sat-30 ta' April 2021, mingħajr ma tinbidel is-sena tan-nomina. Għalhekk, l-Artikoli 3, 4 u 16 tad-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.
- (10) Wara proċess ta' konsultazzjoni li involva l-ibliet u l-Istati Membri kkonċernati, ġie konkluż li s-sena li fiha r-Rumanija u l-Greċja huma intitolati jiċċelebraw it-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura jenħtieġ li tiġi posposta mill-2021 għall-2023 u s-sena li fiha pajjiż kandidat jew kandidat potenzjali huwa intitolat li jiċċelebra t-titlu tal-ECOC jenħtieġ li tiġi posposta mill-2021 għall-2022. Għalhekk, l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE u l-kalendarju stabbilit fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni jenħtieġ li jiġu emendati skont dan. Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li ma taffettwax il-validità tal-proċeduri msemmija fl-Artikoli 7 sa 11 u 13 li diġà ġew konklużi fir-rigward tas-sena titolari 2021,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:
 - (a) it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“It-titlu għandu jingħata kull sena lil mhux iktar minn belt waħda f’kull wieħed miż-żewġ Stati Membri li jidhru fil-kalendarju li jinsab fl-Anness (“il-kalendarju”) u, fis-snin rilevanti, lil belt waħda minn pajjiż tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huwa parti mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“pajjiż tal-EFTA/taż-ŻEE”), pajjiż kandidat jew kandidat potenzjali, jew lil belt waħda f’pajjiż li jaderixxi mal-Unjoni fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fil-paragrafu 5. Fl-2023, massimu ta’ belt waħda f’kull wieħed mit-tliet Stati Membri li jidhru fil-kalendarju li jinsab fl-Anness għandu jkollha t-titlu.”;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“L-ibliet fl-Istati Membri għandhom ikunu intitolati jżommu t-titlu għal sena waħda skont l-ordni tal-Istati Membri li jidhru fil-kalendarju. L-ibliet li għandhom it-titlu fl-2020 għandu jkollhom il-possibbiltà li jkomplu jimplimentaw il-programm kulturali tagħhom sat-30 ta’ April 2021, mingħajr ma tinbidel is-sena tan-nomina.”

(2) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Il-programm kulturali għandu jkopri s-sena titolari u għandu jinholq speċifikament għat-titlu, f’konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5. L-ibliet li għandhom it-titlu fl-2020 għandu jkollhom il-possibbiltà li jkomplu jimplimentaw il-programm kulturali tagħhom sat-30 ta’ April 2021.”

(3) Fl-Artikolu 16(1), jiżdied il-ħames subparagrafu li ġej:

“L-ibliet li għandhom it-titlu fl-2020 għandhom ifasslu r-rapporti ta’ evalwazzjoni tagħhom u jibagħtuhom lill-Kummissjoni sat-30 ta’ April 2022.”

(4) L-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta’ din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-proċeduri msemmija fl-Artikoli 7 sa 11 u fl-Artikolu 13(2)(a) tad-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE diġà konklużi għas-sena titolari 2021 għandhom jibqgħu validi. Is-sena titolari għandha tinbidel skont l-Anness ta’ din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President